**Nru. 1259**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentat bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux ser iżżid informazzjoni ġdida u l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA 00265/08
Post: Sit ġewwa Triq it-Tiġieġ, Tal-Ħandaq, Żebbuġ (Malta)
Proposta: Proposta għal razzett tal-fniek

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fis-26 ta' Frar 2010 u fil-ġustifikazzjoni għal eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali sottomessa fis-17 ta' Awwissu 2010.

**No. 1259**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 00265/08
Location: Site at Triq it-Tiġieġ, Tal-Ħandaq, Żebbuġ (Malta)
Proposal: Proposal for a rabbitry

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 26th February 2010 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 17th August 2010.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ġenerazzjoni ta' Skart | L-iskart tal-kostruzzjoni se jinkludi skart iġġenerat waqt it-tħaffir matul il-fażi ta' kostruzzjoni. L-iskart iġġenerat waqt l-operat se jiġi mmaniġġjat permezz tal-istallazzjoni ta' faċilitajiet għall-ġestjoni tal-iskart, fosthom demmiela u numru ta' fosos, u t-twettiq ta' proċeduri stabbiliti għall-ipproċessar tal-iskart skont il-Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba (CoGAP). Barra minn hekk, se jkunu adottati wkoll miżuri oħra permezz ta' permess għall-operat. |
| *Waste generation* | *Construction waste will include excavation waste arising from the construction phase. Operational waste will be managed through the installation of waste management facilities including a manure clamp and a number of cesspits, and the adoption of established waste processing procedures in line with the Code of Good Agricultural Practice (CoGap) requirements. Furthermore, additional measures will be adopted through an operational permit.* |
| Kwalità tal-arja, inklużi rwejjaħ | L-emissjonijiet dovuti għall-iżvilupp propost x'aktarx li jkunu insinifikanti, u l-livelli tal-ammonja se jkunu ttrattati permezz tal-istallazzjoni ta' sistema ta' bexxiexa. Barra minn hekk, se jkunu addottati wkoll miżuri oħra permezz ta' permess għall-operat. |
| *Air quality and odours* | *Emissions resulting from the proposed development are likely to be insignificant, and the ammonia levels are proposed to be treated through the installation of a sprinkler system. Furthermore, additional measures will be adopted through an operational permit.* |

| | |
|---|---|
| Storbju u vibrazzjonijiet | Aktarx li jkun hemm storbju u vibrazzjonijiet waqt il-fażi ta' kostruzzjoni, mit-tindif u t-tħaffir tas-sit. Dawn l-impatti huma ta' natura temporanja u mhumiex previsti li jkunu sinifikanti. Storbju aktar limitat aktarx li jinħoloq matul l-operat. Il-biċċa l-kbira tal-impatti se jkunu evitati permezz tal-miżuri ġeneriċi stabbiliti fir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni. |
| *Noise and vibration* | *Noise and vibration are expected during the construction phase, from site clearance and excavation. These are temporary impacts and are not expected to be significant. More limited noise is expected to be generated during operation. Impacts will be largely avoided by the application of standard measures established by the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007.* |
| Impatt viżiv | L-impatt viżiv tal-iżvilupp propost se jittaffa permezz tat-twettiq ta' skema xierqa ta' *landscaping* li tostor l-iżvilupp fuq in-naħat kollha tiegħu. |
| *Visual impact* | *The visual impact of the proposed development will be mitigated through the implementation of a suitable landscaping scheme that screens the development on all fronts.* |
| Żvilupp konsegwenti u impatti fuq l-infrastruttura | L-iżvilupp propost huwa moqdi bl-infrastruttura eżistenti, kemm waqt il-fażi ta' kostruzzjoni kif ukoll waqt il-fażi tal-operat, u għalhekk l-ebda żvilupp konsegwenti m'huwa previst.<br><br>L-impatti tal-iżvilupp propost fuq l-infrastruttura eżistenti, bħat-toroq li jwasslu għall-post, għandhom ikunu amministrati u mtaffija permezz ta' pjan għall-ġestjoni tal-fażi ta' kostruzzjoni. |
| *Consequential development and impacts on infrastructure* | *The proposed development is serviced by the existing infrastructure, during both the construction phase and the operational phase of the development, and thus no consequential development is envisaged.*<br><br>*Impacts of the proposed development on the existing infrastructure, such as the roads leading to the site, is to be managed and mitigated through a construction management plan.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Il-21 ta' Diċembru, 2010

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

21st December, 2010

**Nru. 1260**

**ATT TAL-2010 DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 81)**

**Emenda**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1225 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 10 ta' Diċembru, 2010, l-Artikoli rilevanti għandhom jinbidlu kif ġej:

ATT TAL-2010 DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 81)
(minflok Att tal-1992 dwar l-Ippjanar u Żvilupp, Artikolu 46)

L-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-Artikoli 81, 86, 87 u 88 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata (minflok Artikoli 46, 52, 53 u 55).

Il-21 ta' Diċembru, 2010

**No. 1260**

**ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2010 (ARTICLE 81)**

**Amendment**

With reference to Government Notice No. 1225 published in the Government Gazette of Friday, 10th December 2010, the relevant Articles are to be replaced as follows:

ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2010 (ARTICLE 81)
(instead of Development Planning Act, 1992, Article 46)

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Articles 81, 86, 87 and 88 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Environment and Development Planning Act as regards to Scheduled Property (instead of articles 46, 52, 53 and 55).

21st December, 2010